

Brussell, 14 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5996/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0024(NLE)

MI 95
ECO 9
ENT 13
UNECE 3

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6140/22 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-modifiki għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 9, 10, 13, 39, 46, 51, 53, 55, 63, 78, 79, 90, 107, 108, 109, 116, 117, 121, 125, 141, 142, 148, 149, 152, 154, 155, 160, 161, 162 u 163, fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar it-tajers bl-istuds, fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali (GTR) ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji fil-vetturi għall-vetturi elettriċi, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.5, fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni għall-iżvilupp ta' emenda 4 tal-GTR Nru 3 tan-NU, u fir-rigward tal-proposta għall-awtorizzazzjoni biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar l-emissjonijiet ta' partikuli tal-brejkijiet - Adozzjoni

1. Fis-27 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.

2. Fit-28 ta' Jannar 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) kellu skambju ta' fehmiet dwar abbozz tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-proposta ġiet ippreżentata formalment u eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) fil-11 ta' Frar 2022, wara l-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni fl-10 ta' Frar 2022.
3. Fil-laqgħa tal-11 ta' Frar, delegazzjoni waħda ssuġġeriet li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi emendata sabiex jitqiesu żewġ dokumenti relatati mar-Regolament tan-NU Nru 155 li ma kinux fuq l-aġenda tas-sessjoni tad-WP.29 ta' Marzu 2022 meta l-Kummissjoni nediet il-proċess tal-adozzjoni tal-proposta tagħha, kif ukoll dokument relatat mar-Regolament tan-NU Nru 152. L-ebda delegazzjoni ma oġġezzjonat għall-dawn l-emendi.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden:
 - jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma,
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta, fil-parti "A" tal-aġenda tiegħu flaqgħa li jmiss, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 5998/22 wara li jiġi finalizzat mill-ġuristi lingwisti.
5. F'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jgħarraf lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.